***Ruling ex officio* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 122 tal-31 ta' Mejju 2018 dwar talbiet għal *point of order***

Is-Sedja tixtieq tagħti *ruling ex officio* dwar dak li nqala' lbieraħ dwar il-kwestjoni ta' *point of order,* ċjoè xi jfisser *point of order* u meta jista' jintalab *point of order*.

Għall-finijiet ta' direzzjoni aħjar irrid ngħid li s-Sedja, fl-ebda mument, mhi se tippermetti li *point of order* jintuża sabiex Membru jirrispondi lill-Membru li jkun qiegħed jitkellem, jew inkella li jżid informazzjoni.

Se nagħmel referenza mill-ewwel għal dak li jgħidu l-i*Standing Orders* tal-Kamra tad-Deputati, regolamenti li kull min jiġi elett fil-Parlament għandu jkun jaf, u mhux jiġi hawnhekk wara sena, sentejn, tlieta u jkun għadu lanqas biss qrahom. Biex jagħmel xogħlu sew u jkun rappreżentant denju tal-pajjiż, huwa imperattiv li kull Membru jkun jaf xi jgħidu l-i*Standing Orders*.

L-ewwel nett, *point of order* huwa punt ta' proċedura. Biex persuna tagħmel *interjection*, ċjoè twaqqaf lil Membru li jkollu l-kelma, din trid titlob il-permess tas-Sedja u għandu jkun hemm raġuni eċċezzjonali għal dan. Membru jista' jqajjem *point of order* fuq kull regolament tal-Kamra li Membru jista' jkun qed jikser waqt li jkun qed jitkellem, u mhux għax ma jaqbilx ma' dak li qiegħed jgħid jew għax hemm fatt li għandu opinjoni differenti dwaru. F'dawn il-każijiet l-ebda Membru m'għandu dritt jagħmel il-pożizzjoni tiegħu u jinkwadraha bħala *point of order.*

Jidher li l-uniku istanza fejn jissemma *point of order* fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tagħna huwa fl-Ordni Permanenti 48 li jgħid, u nikkwota:

> "**48.** Id-diskussjoni għandha tkun rilevanti għall-ħaġa jew kwistjoni quddiem il-Kamra jew il-Kumitat u, meta iżjed minn kwistjoni waħda tkun ġiet proposta, id-diskussjoni għandha tkun rilevanti għall-aħħar kwistjoni proposta sakemm tiġi meħlusa:
>
> Iżda Membru jista' iqum biex jitkellem fuq punt ta' ordni jew fuq kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' f'daqqa.".

Għaldaqstant bis-saħħa tal-Ordni Permanenti 197 rajt id-definizzjoni ta' dan it-terminu fil-prattiċi parlamentari Ingliżi minn fejn joħroġ li:

> *"A point of order is an appeal to the Chair* – għax jista' jkun waqt Kumitat – *or Speaker for clarification or for a ruling on a matter of procedure in the House of Commons. The MP must explain their reasons for believing the rules of the House have been broken and the Speaker decides whether it is a valid point of order or not."*.

Meta jqum xi Membru, ikun minn liema naħa jkun u jgħid: Mr Speaker, *point of order!,* l-ewwel irid jgħid fuq liema proċedura qed jitkellem, ċjoè għal liema ordni permanenti qed jagħmel referenza. Pereżempju, ikollna mozzjoni u ma jkunux għaddew it-tliet ijiem minn meta ġiet ippreżentata; jew inkella ssir *supplementary question* fejn għandek l-ordnijiet permanenti 27 u 28 bħala *guidelines* dwar xiex tista' ssir dik id-domanda; jew inkella xi ħadd minn xi naħa tal-Kamra jkun qed jindirizza Membru b'mod li jkun qed jikser ir-regolamenti tal-Kamra li jista' jwassal li jinqala' inċident, u hemm is-Sedja jkollha tirregola l-imġiba ta' dak il-Membru. Imma li Membru, hu min hu, b'mod li ngħidlu abbużiv fejn f'diskors ta' 20 minuta iqum

jagħmel *point of order* għaxar darbiet jew sitt darbiet – u m'jien nagħmel referenza għall-ebda Membru għax din tapplika għall-ministri, għall-Prim Ministru, għall-Kap tal-Oppożizzjoni, għal kulħadd, peress illi f'din il-Kamra l-Membri huma kollha l-istess – biex jagħmel *point of explanation*, jew biex iżid fatti, jew biex imeri lil dak li jkun, jew biex tgħid li qed tiġi żgwidata l-Kamra (*misleading the House*) ma hux aċċettabbli. Każ ta' żgwidar tal-Kamra jinqala' meta Ministru jkun qed iwieġeb waqt il-Ħin tal-Mistoqsijiet u jagħmel referenza għal dokument jew inkella informazzjoni li jkollu fil-*file* li jista' ikun mhux veritiera, u jkun qed jagħmilha deliberament, b'mod differenti minn dak li għandu; hemmhekk huwa każ ta' *misleading the House*. Imma jekk ma taqbilx ma' Membru waqt dibattitu, hu min hu, dan tista' tagħmlu fil-ħin allokat għalik biex titkellem fejn tista' tagħmel l-argument kollu. Din hija l-pożizzjoni tas-Sedja dwar *point of order*.

Dan ifisser li *point of order* ma jistax jintuża – u jien mhux se nippermetti – biex Membru jwieġeb Membru ieħor li jkun qed jindirizza lill-Kamra. Jiġifieri li tqum biex twieġeb jew biex tispjega xi ħaġa, mhuwiex *point of* order u ma jistax jintuża biex jerġa' jsir argument ieħor politiku biex jirribatti dak li jkun qed jgħid il-Membru. *Point of order* ma huwiex opportunità li Membru jintervjeni fil-Kamra waqt diskussjoni u ma jistax jintuża minn Membru bħala opportunità biex jerġa' jżid tweġiba oħra għaliex ikun diġà tkellem. Jekk Membru jkollu l-opportunità li jitkellem aktar tard, allura mbagħad hemmhekk jista' jagħmel l-argumenti kollha tiegħu. Dan qiegħed ngħidu sabiex il-pożizzjoni tkun ċara.

Din id-definizzjoni ta' *point of order* toħroġ mill-proċedura ta' diversi parlamenti li nappartjenu għalihom, anke fil-Commonwealth. L-istess definizzjoni tapplika wkoll fil-Francophone *countries*, u wkoll f'fora oħra Ewropej.

Dan huwa *ruling* li qed nagħtih proprju biex ma jkunx hemm problemi, għaliex se nkun qiegħed nimxi miegħu.